


# Xi anniversarji Mostin li jaħbtu fl-2016

*Is-Sur Guido Lanfranco*

**1716 (300 sena ilu)**
Fis-16 ta' Settembru 1716 saret viżta pastorali fil-Mosta mill-Isqof Jacobus Cannaves. [1]

**1866 (150 sena ilu)**
Fl-1866 Karlu Darmanin lesta l-ewwel żewġ statwi tal-Ġimgħa l-Kbira għall-Mosta. Dawn kienu l-Orazzjoni fil-ġnien ta' Ġetsemani u l-Flaġellazzjoni mal-kolonna. Huwa maħsub li l-ewwel proċessjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Mosta saret f'din l-istess sena. [2]

Fl-1866 Giuseppe Bonnici pinġa l-kwadru laterali tas-Sagra Familja fl-Eġittu. Fl-istess żmien, Raffaele Cremona ġie mqabbad ipinġi episodji mill-ħajja tal-Madonna u l-appostli biex iżejnu l-parti t'isfel tal-ħajt bejn il-kappelli. [3]

Ukoll f'din is-sena, Salvu Barbara kien ikkummissjonat ipinġi l-Madonna taċ-Ċintura (jew Tal-Konsolazzjoni). Din ħallas għaliha l-Isqof Gaetano Pace Forno. Aktar tard, l-istess artist pinġa lil Santa Filomena għas-sagristija u oħrajn ta' San Ġużepp. [4]

**1916 (100 sena ilu)**
Fl-1916 Dun Karm Gauci ta bidu għat-twaqqif tal-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù u kompla warajh Dun Edgar Salomone. Fl-1916, f'dan l-oratorju, Dun Edgar għaqqad grupp ta' Boy Scouts bl-isem ta' Mosta Oratory Troop of Boy Scouts. L-ewwel scoutmaster kien l-għalliem Ċensu Borg u Dun Edgar sar iċ-Chaplain tagħhom. It-twaqqif uffiċjali seħħ fis-7 ta' Jannar 1917. [5]

**1941 (75 sena ilu)**
Fl-1941 ġiet iffurmata l-ewwel fergħa tal-M.U.S.E.U.M. għall-bniet tal-Mosta. Tas-subien saret erba' snin wara. [6]

Fl-istess sena fil-21 ta' Mejju twieled il-Mosta, Leslie Salvino Agius, għalliem u pittur. Kien jgħallem f'diversi skejjel u ħa parti f'wirjiet tal-arti kemm f'Malta u kif ukoll barra. [7]

**1956 (60 sena ilu)**
L-aħħar tpinġijiet li saru f'din is-sena 1956 għall-knisja parrokkjali tal-Mosta kienu saru minn Rafel Bonnici Calì. Kienu simboli tal-Ewkaristija bħal pellikan, għeneb, qamħ u l-kumplament. Dawn kienu aktar ta' natura dekorattiva u pinġuti fuq boards biex jistgħu jintramaw u jiżżarmaw meta jkun hemm armat l-altar tar-Repożizzjoni (jew Sepulkru). [8]

Fit-23 ta' April 1956 ġiet inawgurata skola moderna tas-Civil Defence. Din infetħet f'Tarġa Gap, limiti tal-Mosta. Maż-żmien il-bżonn tagħha naqas minħabba żviluppi ġodda dwar difiża ċivili. Ġiet abbandunata imma fl-1974 ġiet trasformata mill-gvern għal użu aktar aġġornat u nfetħet bħala skola tal-artiġjanat. [9]

Fit-23 ta' Novembru 1956 miet Windham Grech fid-dar tiegħu fil-Mosta, Villa Grech Mifsud. Twieled fil-Brażil u għadda ħajja mżewqa bħala pilota, imħallef, avukat u uffiċjal fi żmien ta' gwerra barra minn Malta. [10]

**Referenzi fil-qosor:**


1. S. Mangion, *Il-viżta pastorali tal-Isqof De bussan fil-Parroċċa tal-Mosta 1744* (Malta, 2009), 8.
2. J. C. Camilleri, 'Mosta's Good Friday procession', *Malta Year Book* (1986); G. Bugeja, 'The rotunda and its artistic treasures', L. Scerri (Ed), *Mosta, the heart of Malta* (Malta, 1996), 91, 101.
3. Bugeja, 91.
4. J. Borg & J. A Sant, *It-toroq tal-Mosta* (Malta, 1998), 89.
5. M.D. Schembri (Ed.), *Mustensia* Vol. II (Malta, 2007), 200; E.B.Vella et al, *Storja tal-Mosta* (Malta, 1986), 337.
6. G. Cassar (Ed.) *Ex annalibus Mustae* (Malta, 2005), 133.
7. M. J. Schiavone (Ed.), *Dictionary of Maltese biographies* Vol. I (Malta, 2009), 38; V. Borg (Ed.), *Contemporary Christian art in Malta* (Malta, 2000), 97.
8. Bugeja, 98.
9. A. Guillaumier, *Bliet u rħula Maltin* Vol. II (Malta, 2005), 512; Borg u Sant, 76.
10. Schiavone Vol. II, 964; M. D. Schembri (Ed.), *Mustensia* Vol. I (Malta, 2002), 16, 17.